A.L. 78 ta' l-2008

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dati Statutorji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu mill-artikoli 42 sa 58 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dati Statutorji, u għandhom jinqraw u jinftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Dati Statutorji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 127 ta' l-1999.

(2) Ir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Dati Statutorji, għandhom minn issa 'l quddiem jissejħu r-Regoli ta' l-1999 dwar Dati Statutorji.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2008 u għandhom ikunu applikabbli għal dik is-sena ta' stima u s-snin ta' stima li jiġu wara.

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 5(b) tar-regoli prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "taħt ir-regolament 2." għandhom jidħlu l-kliem "taħt ir-regola 2:"; u

(b) għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda fir-rigward tat-taxxa għas-sena ta' stima 2008 u kull sena ta' stima li tiġi wara, fejn tkun saret determinazzjoni skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u t-Trasferimenti bħala konsegwenza li l-kumpannija tissodisfa s-subartikolu (3)(e) ta' dan l-artikolu, u sa meta dik id-determinazzjoni tibqa' valida, it-taxxa li għandha titħallas minn dik il-kupannija fuq l-*income* taxxabbli tagħha, issir dovuta u pagabbli kif ġej:

(a) fejn dan l-*income* jitqassam mill-kumpannija fi jew qabel id-data tal-prospett tat-taxxa ta' dik il-kumpannija, id-data tal-prospett;

(b) fejn dan l-*income* jitqassam mill-kumpannija wara d-data tal-prospett tat-taxxa iżda qabel id-data msemmija fil-paragrafu (ċ) hawn taħt, l-ewwel minn l-erbatax il-jum wara l-aħħar tax-xahar li fih jkun sar dan it-tqassim u d-data msemmija fil-paragrafu (ċ) hawn taħt;

(ċ) f'każijiet oħra, l-aħħar data tal-perjodu msemmi fl-artikolu 182(3) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji liema perjodu għandu għall-finijiet ta' dawn ir-regoli jitqies li jibda mit-tmiem tal-perjodu ta' l-ikkontjar kif stabbilit skond l-artikolu 11 tat-Taxxa fuq l-*Income* kif applikabbli għal dik il-kumpannija.".